MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2016/2001/1

**Gaetana Innocent**

**vs**

**Dr Peter Fenech u l-PL Victor Bugeja li b'digriet tal-24 ta' Lulju 2001 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Dennis Christopher Innocent**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici izzewwget lill-konvenut fit-22 ta' Marzu 1979 fir-Registru Pubbliku, (Dok. "A") fejn minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-konvenut qatt ma seta' jaghti l-kunsens tieghu kif trid il-ligi u konsegwentement qatt ma seta' jaqdi d-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taz-zwieg bil-karattru estremament rigidu ghal snin twal ta' suldat fl-Ingilterra li iffurmawlu karattru li ma jkunx jista' jghix go ambjent ta' familja u tfal tant hu hekk illi meta hass ir-rabta tal-hajja familjari harab minn Malta u qatt ma gie lura;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenuti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi jghidu ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Marzu 1979 null u bla effett fil-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Lulju 2001 fejn Dr Peter Fenech u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati a fol. 25 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw il-posizzjoni taghhom sakemm ikollhom opportunita jiddiskutu l-kaz mal-persuni koncernati.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 26 tal-process.

Rat il-verbali tas-6 ta' Frar 2002, tal-25 t'April 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta' hamsin jum u l-kawza giet differita ghall-konkuzzjoni tal-provi u finali trattazzjoni ghat-8 t'Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici fejn permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, ta' Georgina Mangion, Mary Zammit u Antoinette Micallef.

Rat in-nota tal-Dr Peter Fenech tas-26 ta' Awissu 2002.

Rat il-verbal tat-8 t'Ottubru 2002 fejn Dr George Abela ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar. Dr Peter Fenech bhala Kuratur Deputat esebixxa korrispondenza li baghat lill-konvenut u stante li l-assenti baqa' ma kkomunikax mieghu ddikjara li m'ghandux provi xi jressaq. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A). PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha l-**attrici** sostniet li:-

*"Jien izzewwigt lill-Dennis Christopher Innocent fit-22 ta' Marzu 1979 fir-Registru Pubbliku wara gherusija ta' sena. Tul l-gherusija ahna kellna relazzjoni tajba".*

*"Wara gimgha li zzewwigna, Dennis Christopher li dak iz-zmien kien suldat mar-Royal Air Force, kien gie "posted" l-Iskozja meta l-Inglizi hallew Malta fil-31 ta' Marzu 1979. Hu kellu ghalhekk isiefer u jien bqajt Malta. Ghal erba'*

*xhur shah wara din id-data ahna ma ltqajniex izda bqajna nikkorrispondu b'mod regolari. Wara erba' xhur jien siefirt lejn l-Iskozja bl-intenzjoni li nistabbilixxi r-residenza ordinarja tieghi hemmhekk sakemm hu jdum "posted" l-Iskozja".*

*"Kif bdejt bdejt nghix ma' Dennis Christopher fl-Iskozja irrealizzajt mill-ewwel illi hu kien bniedem ferm differenti minn dak il-bniedem li jien kont naf qabel iz-zwieg. Hu kien jagixxi mieghi b'karattru ferm rigidu, qisni kont suldat taht il-kmand tieghu u kien igeghlni noqghod ghall-ordnijiet kollha tieghu. Ma kienx jaf x'inhi mhabba u rispett u xi tfisser il-hajja mizzewga u kien jittrattani aktar bhala l-iskjava tieghu. Hu qatt ma nteressa ruhu biex jixtri affarijiet essenzjali ghall-hajja mizzewga u nghid li lanqas fridge u washing machine ma kellna d-dar. Biex naghti ezempju dwar l-imgieba rigida u l-personalita' stramba tieghu, insemmi li hu dejjem meta kont nippreparalu l-ikel kien jordnali li flok nieklu flimkien hu kien ikun irid jiekol wahdu. Jien kont nippreparalu porzjonijiet kbar ta' ikel u meta jkun kiel kont nibda nipprepara biex nibda niekol jien - izda minflok hu kien jigi fuqi u jiekol l-ikel tieghi wkoll".*

*"Nghid li f'okkazzjoni minnhom ahna konna mistiednin ghal festin tal-Milied ghand il-mara ta' habib tieghu fl-Iskozja. F'hin minnhom, quddiemi u quddiem zewgha, din il-mara nizlet kokka u hi u zewgi bdew ibusu lil xulxin b'mod ferm intimu, jigifieri "french kissing". Kien dak il-hin bqajt mahsuda u hrigt nigri barra mill-kamra. Ir-ragel ta' din il-mara ukoll baqa' iccassat. Zewgi ta' spiss ukoll kien jigi d-dar b'diversi "love-bites" fuqu u kien jibqa' bil-flokk biex minghalih ma nindunax".*

*"Meta jien kont inkellmu biex jibdel hajtu hu kien iwieghed li ser jinbidel. Meta kont insemmilu li jien xtaqt li jkollna t-tfal, ghax dak iz-zmien jien kont xorta bqajt inhobbu minkejja t-tbatija li kien qed igeghlni nsofri, hu kien qalli li t-tfal ghalih kienu "crocodiles" u li ma riedx li ahna jkollna t-tfal u li din dejjem kienet l-intenzjoni tieghu ghalkemm qatt ma qalieli qabel iz-zwieg. Din l-espressjoni kien jghida b'certu kattiverja".*

*“F’okkazzjoni minnhom hu pprova joqtolni meta middni mal-art u hatafli ghonqi b’zewgt iswaba’ u beda jifgani. Hu kien ilu jheddidni li kien ittrenjat biex bhala suldat joqtol b’zewgt iswaba u f’din l-okkazzjoni kien ferm vicin li joqtolni ghax hallieni ghal mejta u kien biss ghax irnexxieli nimbuttah minn fuqi li ma qatilnix”.*

*“Wara dan l-incident jien domt madwar tlett gimghat b’ tbengil kbir mad-dawra ta’ ghonqi u tul dan iz-zmien hu ma kienx imur ghax-xoghol biex joqghod ghassa mieghi biex ma nippruvax nohrog u nirrappurtah lir-Royal Air Force”.*

*“Nghid illi wara tmien xhur li jien kont wasalt l-Iskozja ma flahtx nghix aktar f’din il-hajja ta’ swat, theddid, infedelta, tbatija u dwejjaq u fittixt l-ghajnuna minghand habiba tieghi biex ergajt lura Malta kif fil-fatt ghamilt.”*

*“Meta rritornajt lura Malta wahdi, hadd minn huti u l-mama’ tieghi ma gharfuni meta wasalt fl-ajruport tant kemm kont inqast mill-piz u nbdilt fizikament bl-inkwiet kbir u s-swat li kont ghaddejt minnu”.*

*“L-ghada li rritornajt lura mill-Iskozja jien ma stajtx inqum mis-sodda bid-debbulizza li kelli u l-mama kellha ggibli tabib - jien ghamilt xhur ma nohrog mid-dar minhabba l-problemi ta’ sahha li kienu qabduni u l-biza’ li kelli li zewgi jigi lura Malta u jahtafni u jgieghlni nitla’ lura mieghu l-Iskozja”.*

*“Fil-fatt xi xhur wara li jien irritornajt Malta hu kien rega’ gie lura Malta u pprova jipperswadini biex jien immur lura l-Iskozja. Jien kont ergajt hfirtlu dak iz-zmien izda ma ridtx immur lura l-Iskozja peress li bzajt li jerga’ jaghmilli l-istess u kont ghidtlu li jien kont lesta li nghix mieghu basta f’Malta. Hu ma accettax din il-proposta u b’hafna theddid kien jghidli li hu kien ser igeghlni immur lura mieghu. F’incident minnhom kienet prezenti anke l-familja tieghi. Jien baqjt soda u hu harab minn Malta minghajr lanqas biss avzani u minn dak iz-zmien lil hawn, ghal aktar minn tnejn u ghoxrin sena, ma rajtux aktar u nafx x’sar minnu. Kien biss fis-sena 1982 li kont ircevejt ittra minghand l-*

*avukati tieghu, skond kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti markata "GI 1" u "GI 2" li kienu gharrfuni li zewgi kien ressaq talba sabiex jottjeni ddivorzju".*

Illi fl-affidavit taghha **Georgina Mangion** sostniet illi:-

*"Jien nigi oht l-attrici f'din il-kawza Gaetana Innocent. Nghid illi qabel il-konvenut Dennis Christopher Innocent izzewweg lill-ohti, hu kien stazzjonat f'Malta mar-Royal Air Force".*

*"Gimgha wara li Dennis Christopher u ohti zzewwgu, hu kien gie "posted" l-Iskozja meta l-Inglizi hallew Malta fil-31 ta' Marzu 1979. Ohti kienet damet Malta wahedha ghal ftit xhur izda mbaghad kienet siefret l-Iskozja biex tghix hemmhekk ma' zewgha".*

*"Meta ohti marret l-Iskozja, jien domt diversi xhur ma naraha. Nghid illi wara xi tmien xhur li hi kienet ilha l-Iskozja, ohti kienet irritornat lura Malta. Qabel il-wasla ta' ohti f' Malta kienet cemplet lill-ohti l-ohra Mary certa Mrs. May Dunkin li kienet habiba ta' Gaetana fl-Iskozja u kienet infurmatha illi Gaetana riedet tigi lura Malta ghax kienet qed tigi msawwta minn zewgha u li kien anke pprova jifgaha u li lanqas kien qed jaghtiha x'tiekol. Ohti Mary kienet qaltli biex nohorgu l-flus halli ngibu lill-ohtna Gaetana Malta. Ahna konna hallasna l-passagg tal-ajru ta' Gaetana u konna bghatna l-biljett tal-ajru lil Mrs. Dunkin biex tghaddih lill-ohti".*

*"Meta Gaetana kellha tirritorna lura Malta, jien flimkien ma' diversi membri tal-familja tieghi konna morna l-ajruport ta' Hal Luqa biex nilqughha. Jien kont bqajt nistenna fl-arrivals izda ma rajthiex hemmhekk. F'hin minnhom, waqt li kont ser nitlaq mill-ajruport ghax hsibt li Gaetana kien gralha xi haga, giet mara fuqna li ahna ma riednix nemmnu lill-ghajnejna li kienet ohtna, tant kemm kienet fi stat hazin, lrqiqa u mkemmxa u tidher xiha bl-ghadam hiereg minn kullimkien. Jien ma ridtx nemmen li din kienet l-istess persuna li kont rajt tmien xhur qabel. Ohti kienet ghamlet zmien twil rikoverata d-dar sakemm giet f'taghha".*

*“Ohti kienet irrakkuntat li zewgha kien hadilha l-flus kollha li kellha u kien ta’ spiss isawwatha tant li f’okkazzjoni kien anke’ se joqtolha, li hu kellu relazzjoni ma’ nisa ohra u li anke’ kien ihalliha bil-guh. Kien jittrattaha hazin hafna b’dixxiplina militari”.*

*“Xi xahrejn wara li ohti kienet irritornat lura Malta, zewgha kien gie Malta u pprova jipperswadiha biex tmur lura mieghu l-Iskozja. Jien, ommi u huti konna ppruvajna nipperswaduha biex terga’ tirranga mieghu bit-tama li hu kien inbidel izda hi ma rieditx taf ghax kienet tibza’ li jerga’ jghaddiha mill-martirju li kienet ghaddiet minnu. F’dak iz-zmien, Dennis Christopher kien telaq minn Malta u ma ergajnix rajnih izjed sal-lum”.*

Illi fl-affidavit taghha x-xhud **Mary Zammit** sostniet li:-

*“Jien nigi oht Gaetana Innocent. Nghid illi qabel il-konvenut Dennis Christopher Innocent, li hu barrani, izzewweg lill-ohti, hu kien stazzjonat f’Malta mar-Royal Air Force”.*

*“Gimgha wara li Dennis Christopher u ohti zzewwgu, hu kien gie “posted” l-Iskozja meta l-Inglizi hallew Malta fil-31 ta’ Marzu 1979. Ohti kienet damet Malta wahedha tghix fid-dar ta’ ommi ghal ftit xhur izda mbaghad kienet siefret l-Iskozja biex tghix hemmhekk ma’ zewgha”.*

*“Meta ohti marret l-Iskozja, jien domt diversi xhur ma narha. Nghid illi wara xi tmien xhur li hi kienet ilha l-Iskozja, ohti kienet irritornat lura Malta. Qabel il-wasla ta’ ohti f’Malta, kienet cemplitli certa Mrs. May Dunkin li kienet habiba ta’ ohti Gaetana fl-Iskozja u kienet infurmatni li Gaetana riedet tigi lura Malta ghax kienet qed tigi msawwta minn zewgha u li kien anke’ pprova jifgaha u li lanqas kien qed jaghtiha x’tiekol. Hi kienet qaltli illi jekk ridt nerga’ nara lil Gaetana hajja, jien ridt nghinha immedjatament billi ngibuha lura Malta. Jien hekk ghamilt u flimkien ma’ huti u ommi (illum mejta) konna hallasna l-passagg tal-ajru ta’ Gaetana u konna bghatna l-biljett tal-ajru lil Mrs. Dunkin bjex tghaddih lill-ohti”.*

*"Meta Gaetana kellha tirritorna lura Malta, jien ma kontx mort l-ajruport ta' Hal Luqa biex nilqaghha peress li kelli zewgt itfal zghar. Aktar tard fil-gurnata jien kont mort fid-dar ta' ommi ghax kienu nfurmawni li ohti Gaetana kienet waslet. Meta jien dhalt fid-dar ta' ommi, ohti Gaetana kienet fi stat li ma tistax tiddeskrivih, tant kemm kienet imkemmxa u tidher xiha bl-ghadam hiereg minn kullimkien u dehret ghajjiena hafna. Ohti kienet ghamlet zmien twil rikoverata d-dar".*

*"Ohti kienet irrakkuntat lili u lill-familjari tieghi li zewgha kien hadilha l-flus kollha li kellha u kien ta' spiss isawwatha tant li f'okkazzjoni kien anke' se joqtolha, li hu kellu relazzjoni ma' nisa ohra u li anke' kien ihalliha bil-guh. Kien jitrattha hazin hafna b'dixxiplina militari."*

*"Xi xahrejn wara li ohti kienet irritornat lura Malta, zewgha kien gie Malta u pprova jipperswadiha biex tmur lura mieghu l-Iskozja. Jien, ommi u huti konna ppruvajna nipperswaduha biex terga' tirranga mieghu bit-tama li hu kien inbidel izda hi ma rieditx taf ghax kienet tibza' li jerga' jghaddiha mill-martirju li kienet ghaddiet minnu. F'dak iz-zmien, Dennis Christopher kien telaq minn Malta u ma ergajnix rajnih izjed sal-lum".*

Illi fl-affidavit taghha **Antionette Micallef** qalet li:-

*"Jien nigi oht Gaetana Innocent. Nghid illi qabel il-konvenut Dennis Christopher Innocent izzewweg lill-ohti, hu kien stazzjonat f'Malta mar-Royal Air Force".*

*"Gimgha wara li Dennis Christopher u ohti zzewwgu, hu kien gie "posted" l-Iskozja meta l-Inglizi hallew Malta fil-31 ta' Marzu 1979. Ohti kienet damet Malta wahedha ghal flit xhur izda mbaghad kienet siefret l-Iskozja biex tghix hemmhekk ma' zewgha".*

*"Meta ohti marret l-Iskozja, jien domt diversi xhur ma naraha. Nghid illi wara xi tmien xhur li hi kienet ilha l-Iskozja, ohti kienet irritornat lura Malta. Qabel il-wasla ta' ohti kienet cemplet lill-ohti l-ohra Mary certa Mrs. May*

*Dunkin li kienet habiba ta' Gaetana fl-Iskozja u kienet infurmatha illi Gaetana riedet tigi lura Malta ghax kienet qed tigi msawwta minn zewgha u li kien anke' pprova jifgaha u li lanqas kien qed jaghtiha x'tiekol. Ahna konna hallasna l-passagg tal-ajru ta' Gaetana u konna bghatna l-biljett tal-ajru lil Mrs. Dunkin biex tghaddih lill-ohti".*

*"Meta Gaetana kellha tirritorna lura Malta, jien flimkien ma' diversi membri tal-familja tieghi konna morna l-ajruport ta' Hal Luqa biex nilqughha. Jien kont bqajt nistenna fl-arrivals izda ma rajthiex hemmhekk u tlaqt lura d-dar tieghi peress li kelli tifla tarbija li ridt niehu hsiebha. Xi membri ohra tal-familja tieghi kienu baqghu jistennew ghal aktar hin lil Gaetana".*

*"Aktar tard fil-gurnata jien kont mort fid-dar ta' ommi ghax kienu nfurmawni li ohti Gaetana kienet waslet. Meta jien dhalt fid-dar ta' ommi, ohti kienet fi stat li ma tistax tiddeskrivih, tant kemm kienet irqiqa, imkemmxa u tidher xiha bl-ghadam hiereg minn kullimkien. Ohti kienet ghamlet zmien twil rikoverata d-dar".*

*"Ohti kienet irrakkuntat li zewgha kien hadilha l-flus kollha li kellha u kien isawwatha tant li f'okkazzjoni kien anke' se joqtolha, li hu kellu relazzjoni ma' nisa ohra u li anke' kien ihalliha bil-guh".*

*"Xi xahrejn wara li ohti kienet irritornat lura Malta, zewgha kien gie Malta u pprova jipperswadiha biex tmur lura mieghu l-Iskozja. Jien, ommi u huti konna ppruvajna nipperswaduha biex terga' tirranga mieghu bit-tama li hu kien inbidel izda hi ma rieditx taf ghax kienet tibza' li jerga' jghaddiha mill-martirju li kienet ghaddiet minnu. F'dak iz-zmien, Dennis Christopher kien telaq minn Malta u ma ergajnix rajnih izjed sal-lum".*

**<u>(B). PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut assenti ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius**

**vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens*

*matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995)".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del*

*matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi

ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` “*di intendere e/o di volere*”. “*L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*”, jghid il-***Bersini***, “*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*” (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma “*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*” (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea v. John Walsh”**, P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002); **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002); **“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30

ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz *de quo* jirrizulta li l-konvenut kellu il-kunsens taz-zwieg tieghu vvizjat stante li ghalih, kemm qabel u kemm wara z-zwieg huwa qatt ma kkunsidra lill-mara tieghu l-attrici bhala s-siehba tieghu fiz-zwieg, izda biss is-suditta tieghu, u li kienet qeghda hemm biss sabiex taqdi lilu meta jkun hemm bzonn, u terga' taqdi lilu, u terga' taqdi lilu, tant li kien jittrattaha biss bhala oggett tieghu li tghix biss sabiex iservi lilu.

Illi l-probabilita' hija li peress li l-istess konvenut kien suldat, kien imdorri b'certa' regimentalizzazzjoni, u l-hasra f'dan ir-rakkont hija, li din it-tip ta' dixxiplina stretta dittatorjali kien jehodha mieghu d-dar, bil-konsegwenza li meta huwa dahal fiz-zwieg, kien impossibbli ghalih li jhares lejn martu bhala ugwali ghalih, u l-kuncett ta' shubija fl-imhabba u fil-hajja komunali tal kuljum, kien ghal kollox estraneju ghalih, b'mod u manjiera li l-vizzju tieghu ta' kunsens kien ivvizjat ghaliex nieqes ghall kollox mill-elementi essenzjali ta' zwieg innifsu, l-ewwel fost kollox li jkollu l-intenzjoni li jghix ta' familja.

Illi in verita' l-attegjament tal-konvenut assenti jista' jissejjah kollox minbarra familjari, u kien addirittura kattiv u insensittiv ghall martu tul iz-zwieg kollu, u mn'alla ma kienx hemm tfal f'din ir-relazzjoni, ghaliex certament tali ambjent li l-attrici kienet kostretta tghix fih fi ftit kliem, certament li ma kienx la idejali u lanqas addattat.

Illi jidher ghalhekk li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u anke skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** ghaliex bil-mod ta' hajja li ghex il-konvenut mal-attrici, jidher car li huwa bl-ebda mod ma ried li jaddatta ruhhu ghall-hajja mizzewga, izda ried jibqa' jaghmel litteralment dak li jrid, bl-addizzjoni pero' li l-attrici tkun litteralment l-iskjava tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha, u wiehed jirrileva wkoll li l-Qorti hija konxja wkoll tal-fatt li l-partijiet ilhom separati *de facto* minn xulxin ghal aktar minn tnejn u ghoxrin (22) sena u l-konvenut kien applika sabiex jiddivorzja l-attrici mill-Iskozja gja fis-sena

1982, skond id-dokumenti esebiti, u dan wara li abbanduna lill-attrici f'Malta, u dan juri u jikkonferma wkoll li l-kuncett tieghu taz-zwieg huwa ghal kollox aljen ghal dak rikonoxxut bhal l-ghola istituzzjoni fic-civilta' u l-hajja Maltija, u l-aqwa nukleju tas-socjeta' taghna, u cjoe' l-hajja mizzewga u dik ta' familja, inkluz il-kuncett ta' indossubilita' tal-istess zwieg.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Marzu 1979 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut assenti, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom dejjem jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 t'Ottubru 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 t'Ottubru 2002.**